MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2024

Appell Inferjuri Numru 121/2022 LM

**Anthony Jimrivis Lawrence**
*('l-appellat')*

***vs.***

**Identity Malta Agency**
*('l-appellanta')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimata **Identity Malta Agency**, hawnhekk 'l-appellanta', minn deċiżjoni tal-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni, [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], tat-23 ta' Settembru, 2022 [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] li permezz tagħha l-Bord laqa' l-appell tar-rikorrent **Anthony Jimrivis Lawrence** [hawnhekk 'l-appellat'].

**Fatti**

2. Fit-18 ta' Diċembru, 2021, ir-rikorrent applika għal Permess Uniku ta' Xogħol mal-intimata, kif ipprovdut fil-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17. Permezz ta' ittra datata t-28 ta' Frar, 2022, ir-rikorrent ġie infurmat li l-applikazzjoni tiegħu kienet qiegħda tiġi rifjutata, abbażi tal-fatt li meta r-rikorrent applika għal dan il-permess, huwa ma kienx legalment preżenti f'Malta jew f'xi Stat Membru ieħor, u għalhekk l-applikazzjoni saret bi ksur tar-regolament 8(1)(ċ) tal-Liġi Sussidjarja 217.17. Ir-rikorrent ġie mgħarraf ukoll li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ma kienx irregolarizza l-pożizzjoni tiegħu, u għalhekk kien qiegħed jitqies li huwa immigrant ipprojbit *ai termini* tas-sub-inċiż 5(2)(e) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni.

3. Fir-rikors tal-appell tiegħu quddiem il-Bord, ir-rikorrent spjega li huwa kien ilu jgħix u jaħdem Malta minn Ottubru tal-2018, u għalhekk kien ilu jgħix f'Malta aktar minn tliet snin meta ppreżenta applikazzjoni ġdida għal Permess Uniku ta' Xogħol. Spjega li sal-1 ta' Settembru, 2021, huwa kien impjegat ma' AVM Catering Limited bħala *waiter* b'kuntratt indefinit, iżda li dan l-impjieg ġie tterminat waqt li r-rikorrent kellu bżonn jirritorna lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu l-Indja, wara li miet missieru. Ir-rikorrent spjega li hekk kif irritorna lura Malta fid-9 ta' Novembru, 2021, huwa sab li l-impjieg tiegħu kien ġie tterminat, u kellu josserva perijodu ta' kwarantina obbligatorja sat-22 ta' Novembru, 2021. Qal li minkejja dawn id-diffikultajiet, huwa irnexxielu jsib impjieg alternattiv ma' HH Operating Limited, li ssottomettiet id-dokumentazzjoni neċessarja għan-nom tiegħu fit-18 ta' Diċembru, 2021, sabiex ikun hemm *change of employer.* Ir-rikorrent qal li din l-applikazzjoni tiegħu ġiet rifjutata fit-28 ta' Frar, 2022 wara

li ġie mgħarraf li fil-mument meta ppreżenta l-applikazzjoni tiegħu, is-soġġorn tiegħu f'Malta kien wieħed irregolari. Ir-rikorrent qal li minkejja d-diffikultajiet kollha li ġabet magħha l-pandemija tal-COVID-19, tul iż-żmien kollu meta kien jgħix f'Malta, huwa dejjem fittex li jkun impjegat, u hekk kif ġie mgħarraf li l-impjieg li kellu ma' AVM Catering Limited kien ġie tterminat, huwa mill-ewwel beda jfittex impjieg alternattiv. Qal ukoll li huwa kellu bżonn jirritorna lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu għaliex miet missieru, in vista tal-fatt ukoll li huwa l-uniku wild tal-familja. Żied jgħid li minkejja li kellu jqatta' perijodu ta' kwarantina, huwa rnexxielu jsib impjieg alternattiv ma' HH Operating Limited, iżda ftit ġranet biss wara li ġew sottomessi d-dokumenti f'ismu mal-awtoritajiet, il-prinċipal prospettiv ġie mgħarraf li l-applikazzjoni tar-rikorrent ma setgħetx tiġi pproċessata aktar għaliex huwa kien qiegħed f'Malta b'mod irregolari. Ir-rikorrent qal li hekk kif ġie infurmat b'dan, huwa kkuntattja lill-avukat tiegħu, li talbet lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jirregolarizza l-pożizzjoni tar-rikorrent f'Malta għal ftit ġranet sakemm l-Aġenzija Identity Malta tkompli tipproċessa l-applikazzjoni tar-rikorrent.

4. Ir-rikorrent qal li fi żmien riċenti, talbiet simili lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni ġew milqugħa, fejn bosta drabi l-qagħda tal-applikanti kienet simili ħafna għal tiegħu. Qal li fil-każ tiegħu ma ġarax hekk, u fit-28 ta' Frar, 2022, huwa irċieva l-ittra ta' rifjut, li permezz tagħha huwa ntalab jagħmel l-arranġamenti neċessarji sabiex iħalli ż-Żona Schengen. Ir-rikorrent qal li din l-ittra ma kinitx tinfurmah li huwa kellu d-dritt jappella mid-deċiżjoni ta' Identity Malta permezz ta' appell quddiem il-Bord. Ir-rikorrent qal li minkejja li l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni għandu d-diskrezzjoni jagħżel jekk jirregolarizzax il-

pożizzjoni ta' immigranti minn pajjiżi terzi li s-soġġorn tagħhom f'Malta jibda jitqies li huwa irregolari, dawn il-poteri diskrezzjonali m'għandhomx jintużaw b'mod diskriminatorju. Qal ukoll li tul iż-żmien kollu li fih kien jgħix f'pajjiżna, huwa dejjem ġab ruħhu b'mod korrett, u qatt ma kellu inkwiet mal-awtoritajiet tal-pajjiż.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

5. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fit-23 ta' Settembru, 2022, il-Bord iddeċieda li l-każ tar-rikorrenti għandu jiġi kkunsidrat mill-intimata mill-ġdid, *'untained by any allegation of illegal stay'*, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"The Board:*

*Saw that in virtue of a decision dated 28th February, 2022, Identity Malta Agency stated that at the moment the application was submitted (fn. 1 Application reference numbe* ***R96587324****), that is, on 18th December, 2021, (according to the Agency), the appellant was not legally present in Malta or legally present elsewhere in the European Union, and consequently, was not in a state of compliance with Regulation 8 of S.L. 217.17;*

*Saw that an appeal was registered on 2nd March, 2022;*

*Saw the reply filed by Identity Malta Agency on 14th April, 2022.*

*2.* ***<u>Submissions filed, evidence produced and considerations of the Board</u>***

*The Board observed that when the appeal was filed, the receipt issued instructed the parties to submit any further documentation within fifteen days. At the outset, the Board declares that although it is not legally bound to hold sittings, Art. 3(2) of the Administrative Justice Act (Chapter 490 of the Laws of Malta) stipulates that amongst the principle which this Board, amongst other bodies, is bound to uphold, is the principle of equality of arms. The Board refers to the judgment of the Court of Appeal* ***<u>Edwin Zarb et vs. Gilbert Spiteri et</u>*** *(decided on 6 February, 2015) in*

*which it was held that the principle* audi alteram partem *does not necessarily mean that the parties must be physically heard but that they must be given sufficient time to present the evidence they wish to present. It is up to the court (or in this case, the Board) to decide what should be done in the interest of justice.*

*In response to the first paragraph of the Agency's reply, the Board notes that in fact, the appellant filed a proper appeal through legal counsel. Consequently, it is not the case that he merely expressed intent to appeal but did not follow up with further submissions. As a result, the appeal is not null on that ground.*

*As to the merits, the Agency explained as follows:*

- *The appellant had a Single Permit enabling him to work for AVM Catering Limited, which permit was valid between 13th November, 2020 and 14th November, 2021. However, his employment was terminated on 1st September, 2021. Consequently, the permit fell through as the purpose for which it has been issued ceased to exist.*
- *The appellant lodged a fresh application on 18th December, 2021, which was more than three months after his last day of work.*
- *Consequently, on 18th December, 2021, the appellant was illegally present in Malta as his permit had fallen through as aforesaid. It was for that reason that he was deemed not to satisfy the requirements of Regulation 8 of S.L. 217.17.*

*The appellant filed an appeal in which he explained as follows:*

- *He worked for AVM Catering Limited but had to travel to India to take care of family matters as his father had passed away. During his absence, his employment was terminated.*
- *The appellant returned to Malta on 9th November, 2021 and found out that his employment had been terminated in his absence. He then had to observe mandatory quarantine until 22nd November, 2021.*
- *In spite of such difficulty, he managed to secure an offer of employment from HH Operations Limited, which company, on 18th December, 2021, lodged a Single Permit application on the appellant's behalf.*

*This whole matter started when the appellant's employment was ended in his absence following his return to India following his father's death. Therefore, in the Board's view, the appellant should have provided some evidence of his father's passing away, as the event which gave rise to this case. That would have proved the existence of particularly difficult circumstances affecting the appellant.*

*Instead, the appellant chose to produce evidence of the termination of his employment, which fact is already known. He did not even produce evidence of flight tickets to prove that he had at least left Malta for India and then returned.*

*In relation to what happened after the appellant left Malta, the Board notes that the appellant only discovered that his employment had been terminated after he returned to Malta. Therefore, the Agency cannot state that the appellant already knew and should have applied for a fresh permit whilst still abroad (*"from the territory of a third country") *if one were to use the wording of Regulation 8 of S.L. 217.17) and should have remained outside the Member States pending the processing of his application.*

*The Board also understands that during the time in question, it was rather less easy to secure employment. In fact, the local economy is still reeling from the effects of the pandemic, and more so at the time in question.*

*The Board must also make another observation. If the appellant's permit, though theoretically valid until 14th November, 2021, fell through on 1st September, 2021 (due to termination of employment), how did the appellant re-enter Malta?*

*The Board refers to Article 6(1)(b) of the Immigration Act and observes that the Principal Immigration Officer* ***may*** *grant leave to land or leave to remain in Malta to any person arriving under such conditions as he may deem proper to establish. The corollary to this, of course, is that the Principal Immigration Officer may also refuse entry.*

*In fact, Article 8(1) of the Immigration Act stipulates that the Principal Immigration Officer (emphasis added by the Board)* "**… shall** refuse leave to enter Malta to any person seeking to enter Malta who, in accordance with the provisions of this Act, must be in possession of a visa and who is not in possession of a visa as is provided for in this article."

*Article 28 of the Immigration Act then states further that every person landing in Malta or embarking from Malta shall be in possession of a passport and shall furnish to the Principal Immigration Officer the prescribed information as well as any further information which the Principal Immigration Officer may deem proper to require.*

*These three articles of the Immigration Act, read together, mean that for whatever reason, the appellant was allowed to re-enter Malta even though his Single Permit, by then, had fallen through.*

*The appellant has proved to the Board that he was in mandatory quarantine between 9th November and 22nd November, 2021. In view of such a circumstance, very little could be done. Then, in the period between 22nd November and 18th December, 2021, he managed to secure an offer of employment and managed to lodge an application – bearing in mind, of course, the considerable amount of supporting documentation which a Single Permit application needs.*

*In view of the aforesaid and with particular reference to the appellant's misfortunes, the Board shall accept the appeal.*

***3. <u>Decision</u>***

*Therefore, after having read the relative submissions as well as after having seen the provisions of Chapter 217 of the Laws of Malta and of S.L. 217.17, the Board accepts the appellant's appeal, revokes the Agency's decision, and directs the said Agency to resume processing the appellant's application, untained by any allegation of illegal stay.*

*The Board orders that this decision be served on the parties."*

## <u>L-Appell</u>

6. L-intimata hawnhekk l-appellata ressqet appell minn din id-deċiżjoni fit-3 ta' Ottubru, 2022, fejn talbet lil din il-Qorti jogħġobha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, u tikkonferma d-deċiżjoni tal-appellanta tat-28 ta' Frar, 2022.

7. L-appellanta qalet li fl-ewwel lok, din il-Qorti għandha l-mansjoni li tisma' dan l-appell *ai termini* tas-subartikolu 25A(8) tal-Att dwar l-Immigrazzjoni ladarba r-Regolamenti applikabbli ħarġu skont il-poteri konferiti permezz tal-artikolu 4A fit-Taqsima 3 tal-imsemmi Att.

8. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha l-appellanta qalet li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi, u senjatament tar-Regolament 8(1)(ċ) tal-Liġi

Sussidjarja 217.17, liema regolamenti ttrasponew fil-Liġi ta' Malta id-Direttiva 2011/98/UE dwar proċedura ta' applikazzjoni unika għal permess uniku għal ċittadini ta' pajjiżi terzi sabiex jirrisjedu u jaħdmu fit-territorju ta' Stat Membru u dwar ġabra komuni ta' drittijiet għal ħaddiema ta' pajjiżi terzi residenti legalment fi Stat Membru. L-isemmija direttiva, fl-Artikolu 4(1) tagħha tipprovdi li l-applikant irid ikun qiegħed jirrisjedi legalment fl-Istat Membru sabiex jippreżenta applikazzjoni. L-appellanta qalet li hija minn jeddha tagħti għaxart ijiem '*grace period'* sabiex persuna li jiskadilu l-permess ikun jista' jissottometti applikazzjoni ta' *renewal,* imma wara dan il-perijodu, il-persuna jitqies li qiegħed jirrisjedi f'Malta illegalment *ai termini* tal-artikolu 5 *et seq.* tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, bil-konsegwenza li fil-konfront tiegħu l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jkun jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu skont il-liġi.

9. L-appellanta żiedet tgħid li wara li għadda l-imsemmi *grace period*, l-appellat ma setax jippreżenta applikazzjoni għal permess uniku *ai termini* ta' dawn ir-Regolamenti, sakemm din l-applikazzjoni ma ssirx minn pajjiż terz jew minn Stat Membru li fih l-individwu jkun qiegħed jirrisjedi legalment. Qalet li la l-liġi Maltija u lanqas id-Direttiva Ewropea 2011/98/UE ma tat lill-appellat eżenzjoni minn din ir-regola, u għalhekk l-appellanta kienet korretta meta m'aċċettatx l-applikazzjoni tal-appellat.

10. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanta qalet li l-Bord iddeċieda fuq suppożizzjonijiet li ma ġewx ippruvati in atti. Qalet li ma jistax jingħad li l-appellat ġab xi prova quddiem il-Bord li tista' twassal sabiex il-Bord jiddeċiedi bil-mod kif iddeċieda, billi jeżentah mill-applikazzjoni ta' dawn ir-Regolamenti.

11. L-appellanta qalet li biex il-Bord wasal għad-deċiżjoni appellata, dan sempliċement straħ fuq raġuni li l-appellat ta quddiem il-Bord, f'rikors li lanqas biss huwa ġuramentat. L-appellanta qalet li l-Bord għadda sabiex għamel suppożizzjonijiet dwar x'seta' għamel l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, mingħajr ebda prova li l-appellat ħareġ barra miż-Żona Schengen, għaliex kif qal il-Bord stess, ma nġabitx lanqas prova tal-biljetti tal-ajru. L-appellanta qalet li minkejja li huwa minnu li l-Bord jirregola l-proċedura tiegħu stess, dan għandu jagħmlu b'ħarsien tal-prinċipju tal-aqwa prova. Qalet li ma jistax jingħad li l-appellat ipprova l-każ tiegħu meta dan ma ressaq lanqas prova waħda quddiem il-Bord. Qalet ukoll li *quod non est in actis non est in mundo,* u li *secundum acta et probata non secundum privatam scientiam* (skont l-evidenza u mhux skont l-għerf privat tal-awtorità li qiegħda tiddeċiedi) u *non refert quid notum sit judici si notum non sit in forma judicii* (ma jgħoddx dak li jaf il-ġudikant jekk ma jkunx magħruf b'forma ġudizzjarja). Qalet li b'ħarsien ta' dawn il-prinċipji legali, il-Bord ma setax jiddeċiedi fuq suppożizzjonijiet tiegħu, imma biss fuq dak li jinsab quddiemu fl-atti. L-appellanta qalet li mix-xejra tal-provi miġjuba quddiem il-Bord, ħareġ ċar li m'hemm l-ebda ċertezza lanqas fuq bażi ta' probabbilità li l-appellat ħareġ miż-Żona Schengen u mar lura lejn pajjiżu qabel reġa' daħal fit-territorju Malti. Il-Bord ma kienx sodisfatt bil-provi mġjuba quddiemu, iżda xorta waħda għadda sabiex għamel suppożizzjonijiet dwar dak li messu għamel l-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni fis-suppożizzjoni li l-applikant siefer lejn l-Indja u daħal lura Malta minn pajjiż terz. Qalet li l-Bord jista' jirregola l-proċeduri quddiemu, u ma kellu l-ebda xkiel jitlob lill-Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni jitla' jixhed quddiemu sabiex jaċċerta ruħhu mill-fatti.

**Ir-Risposta tal-Appell**

12. L-appellat fir-risposta tiegħu qal li d-deċiżjoni appellata hija ġusta u timmerita konferma, filwaqt li żied jgħid li l-appell imressaq mill-appellanta huwa infondat.

13. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li l-interpretazzjoni li qiegħda tagħti l-appellanta lir-Regolament 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17 hija waħda restrittiva ħafna, u żied jgħid li l-Bord twaqqaf sabiex jinterpreta l-liġi skont il-fatti u mhux biex iservi bħala *rubber stamp* tal-appellanta. Qal li fil-fatt dan huwa dak li għamel il-Bord meta ta l-motivazzjoni tiegħu. Kompla jgħid li l-appellanta għandha tieħu deċiżjonijiet amministrattivi li jirrispettaw il-prinċipju stabbilit tar-raġonevolezza, imma fil-każ in eżami l-appellanta m'għamlitx dan, u naqset milli tapplika d-diskrezzjoni tagħha fil-limiti tar-raġonevolezza. Qal li l-azzjonijiet ta' awtorità pubblika għandhom ikunu adattati għas-sitwazzjonijiet li jittrattaw, u m'għandhomx jikkaġunaw danni bla bżonn lill-individwu jew lis-suġġett tad-dritt. Qal li kien impossibbli għalih li jippreżenta applikazzjoni entro t-terminu ta' għaxart ijiem *grace period* konċess mill-appellanta, u dan għaliex huwa sar jaf li l-impjieg tiegħu ser jiġi tterminat meta rritorna Malta, u barra minn hekk wara li rritorna Malta, kellu jqatta' perijodu ta' kwarantina. Qal li l-Bord ħa konjizzjoni tal-fatt li l-appellat ippreżenta provi li huwa kellu jqatta' perijodu f'kwarantina fi żmien meta Malta kienet milquta mill-pandemija tal-COVID-19, u allura kien aktar diffiċli għalih biex isib l-impjieg, partikolarment għaliex huwa kien jaħdem bħala *waiter.* Qal li l-kwarantina mandatorja kienet spiċċat fit-22 ta' Novembru, 2021, u huwa ppreżenta l-applikazzjoni ġdida tiegħu fit-18 ta' Diċembru, 2021. Qal li

huwa kellu jħejji għadd kbir ta' dokumenti sabiex seta' jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu, u r-rifjut ta' din l-applikazzjoni ser tikkaġunalu preġudizzju kbir. Qal li kien għalhekk li meta l-Bord irrevoka d-deċiżjoni tal-appellanta, dan la kiser il-liġi u lanqas ma mar oltre l-poteri tiegħu.

14. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellanta, l-appellat qal li dan huwa aggravju bbażat fuq l-apprezzament tal-provi, u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex tieħu konjizzjoni ta' dan l-aggravju, għaliex l-appelli permessi fi proċeduri bħal dawn, huma biss dawk fuq punti ta' dritt. Żied jgħid li huwa paċifiku li fejn m'hemmx 'motivi gravi', din il-Qorti ta' reviżjoni għandha tistrieħ fuq l-eżami tal-provi li jkun sar mill-ewwel qorti, bord jew tribunal. Qal ukoll li jekk din il-Qorti terġa' tagħmel eżami tal-provi, dan l-appell ma jibqax wieħed fuq punt ta' dritt. Qal ukoll li mhuwiex minnu li l-Bord ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq provi li mhumiex in atti, u qal li mid-dokument ippreżentat minnu għandu jirriżulta b'mod ċar li l-kwarantina mandatorja ġiet imposta għaliex huwa kien irritorna minn pajjiż li f'dak il-perijodu kien meqjus li qiegħed f'żona ħamra għall-finijiet tal-pandemija.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

15. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellanta fl-appell tagħha, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Bord fid-deċiżjoni appellata. Permezz tal-ewwel aggravju tagħha, l-appellanta tgħid li l-Bord għamel apprezzament żbaljat tal-liġi, u senjatament tal-artikolu 8(1)(ċ) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 217.17, u dan minħabba li l-appellat ma kienx qiegħed fit-territorju ta' Stat Membru legalment meta

ppreżenta l-applikazzjoni tiegħu. Il-Qorti tqis li l-appellat sar jaf li l-impjieg tiegħu ġie tterminat mar-ritorn tiegħu mill-Indja, fejn kif spjega l-appellat innifsu, f'Settembru tal-2021 kellu bżonn imur hemmhekk wara li ġie nieqes missieru. L-appellat irritorna lura Malta f'Novembru tal-istess sena, u mar-ritorn tiegħu f'Malta sab li kellu jsegwi perijodu ta' kwarantina mandatorja għaliex kien qiegħed jirritorna minn pajjiż li kien meqjus li huwa fiż-żona ħamra minħabba n-numru kbir ta' każijiet ta' COVID-19 li kien għad hemm f'dak il-pajjiż. Il-perijodu ta' kwarantina mandatorja għall-appellat spiċċa fit-22 ta' Novembru, 2021, u għaldaqstant wieħed irid iqis li f'dak il-perijodu kien diffiċli ferm għall-appellat li jsib impjieg alternattiv jew li b'xi mod jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu. L-appellat kien jaħdem bħala *waiter* u għalhekk kien jaħdem f'wieħed mis-setturi mill-aktar milquta ħażin bl-effetti tal-pandemija. L-appellanta qalet li wara li għadda l-*grace period* konċess minnha ta' għaxart ijiem, is-soġġorn tal-applikant kellu jitqies li huwa wieħed illegali, u għalhekk dan kellu jerġa' joħroġ miż-Żona Schengen jekk ried jirregolarizza l-pożizzjoni tiegħu biex japplika għal Permess Uniku ta' xogħol.

16. Il-Qorti tirrileva li l-*grace period* konċess mill-appellanta ma joħroġx mil-liġi, iżda huwa perijodu ta' żmien iffissat arbitrarjament mill-appellanta. Huwa ovvju li dan il-perijodu ta' żmien huwa qasir wisq tenut kont tal-għadd kbir ta' dokumenti li jridu jiġu ppreżentati ma' kull applikazzjoni li titressaq, fi żmien meta ma kienx daqshekk faċli biex wieħed isib impjieg alternattiv. L-appellat kien impjegat f'settur li ġie affettwat ħażin ħafna meta faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19. Jirriżulta wkoll li l-appellat kien ilu madwar tliet snin jgħix f'Malta meta l-impjieg tiegħu ġie tterminat waqt li huwa kien qiegħed iżur lill-familja

tiegħu fl-Indja, u sar jaf biss li l-impjieg tiegħu ġie tterminat mal-wasla tiegħu lura Malta. Ċertament li ma kienx raġonevoli f'dawn iċ-ċirkostanzi li l-appellanta tesiġi li l-appellat kellu jħalli ż-Żona Schengen mill-ġdid, sabiex ikun jista' jippreżenta l-applikazzjoni tiegħu. Il-Qorti tirrileva li fost il-konsiderazzjonijiet ewlenin li l-appellanta għandha tqis meta tiġi biex tieħu deċiżjonijiet bħal dawn, hemm id-dimensjoni umana u l-fatt li l-appellat kien għadu kif ġie Malta mill-Indja, u mal-wasla tiegħu f'Malta kellu ta' bilfors isegwi perijodu ta' kwarantina għaliex il-pajjiż li rritorna minnu kien għadu meqjus li qiegħed f'żona ħamra. Il-Qorti kif qalet f'diversi sentenzi oħrajn, u terġa' ttenni anki f'din l-istanza, bl-istess mod kif ġew konċessi l-għaxart ijiem *grace period* mill-appellanta, jistgħu jingħataw perijodi itwal, skont x'ikun raġonevoli li jsir skont iċ-ċirkostanzi tal-każ. Però li huwa żgur huwa li perijodu ta' għaxart ijiem biex persuna tirregolarizza l-pożizzjoni tagħha huwa perijodu qasir wisq, tenut kont l-ammont ta' dokumenti li persuna hija mistennija li tippreżenta in sostenn tat-talbiet tagħha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, tqis li dan l-ewwel aggravju mressaq mill-appellanta, mhuwiex ġustifikat, u sejjer jiġi miċħud.

17. Permezz tat-tieni aggravju tagħha, l-appellanta qalet li l-Bord ikkunsidra fatturi li ma jirriżultawx mill-provi sabiex wasal għad-deċiżjoni tiegħu, u għalhekk ma ġiex sodisfatt ir-rekwiżit li fi proċeduri ġudizzjarji trid tinġieb l-aqwa prova mill-partijiet. Żiedet tgħid li l-appellat ma ġab l-ebda prova li huwa kien ħalla ż-Żona Schengen u mar lura lejn pajjiżu qabel ma irritorna Malta, u semmiet il-fatt li dan naqas milli jippreżenta kopja tal-biljett tal-ajru bħala prova, meta din kienet konsiderazzjonijiet ewlenija li għamel qabel ta d-deċiżjoni tiegħu.

18. Il-Qorti tirrileva li fl-ittra tat-terminazzjoni tal-impjieg tal-appellat minn mal-kumpannija li kien impjegat magħha qabel irritorna l-Indja, ir-raġuni li ngħatat għat-terminazzjoni kienet għaliex l-appellat kien 'emigra'. Bla dubju kien hemm assunzjoni fiergħa, li ladarba l-appellat mar lura f'pajjiżu għal xi żmien, huwa ma kellu l-ebda intenzjoni li jirritorna lura lejn Malta. Ġiet esebita wkoll l-ittra li permezz tagħha l-appellat ġie infurmat li kellu jsegwi perijodu ta' kwarantina obbligatorja minħabba li kien għadu kif irritorna Malta minn pajjiż meqjus li kien fiż-żona ħamra. Il-Qorti tirrileva li fi kwalunkwe każ, skont l-artikolu 25A(8) tal-Kap. 217, appelli mid-deċiżjonijiet tal-Bord quddiem din il-Qorti, jistgħu jsiru biss fuq punti ta' dritt, u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex tidħol fi kwistjonijiet li mhumiex strettament marbuta ma' xi punt ta' liġi li jkun ġie deċiż mill-Bord. Għaldaqstant u in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti tqis li anki dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u sejjer jiġi miċħud.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż taż-żewġ istanzi huma a karigu tal-appellanta.**

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**<br>**Imħallef** | **Rosemarie Calleja**<br>**Deputat Reġistratur** |